

KNŻ WORK PLAN

2025

2026

Daħla

Iż-żgħażagħ għandhom mhux biss id-dritt, iżda wkoll id-dover li jsemmgħu leħinhom dwar il-bżonnijiet tagħhom, li huma l-bażi tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini ta' għada. Iż-żgħażagħ għandhom jingħataw il-mezzi u l-opportunitajiet biex ikunu katalisti għall-bidla soċjali u l-bidla fil-ħsieb.

F'soċjetà mmexxija mill-era diġitali, huwa faċli immens sabiex iż-żgħażagħ jitilfu s-sens ta' direzzjoni u jħossuhom mifrudin minn xulxin, minkejja li jinsabu konnessi aktar minn qatt qabel. Din il-kontradizzjoni toħloq sfida ġdida: li nerġgħu nibnu komunitajiet b'saħħithom ibbażati fuq il-valuri u l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fil-kommunità. Hawnhekk fejn jidħol ir-rwol tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, li jkun ta' vuċi kollettiva għall-bżonnijiet taż-żgħażagħ u li joffri sens ta' direzzjoni għall-politikant u kitteb tal-politika.

Huwa għalhekk, b'sens ta' responsabbiltà u impenn, li l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ jippreżenta dan id-dokument għall-iskrutinju tagħkom. Dan id-dokument mhux biss jirrifletti l-prijoritajiet tal-Kunsill fit-terminu li ġej, iżda jservi wkoll bħala espressjoni konkreta tal-viżjoni li naspiraw għal Malta.



Werrej

Il-Viżjoni 2050
Youth Proofing
L-Uffiċjal tal-Avvokatura
L-Uffiċjal Nazzjonali
L-Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali
L-Uffiċjal tal-Kommunita Għaż-Żgħażagħ



Il-Kummenti dwar il-Viżjoni 2050

1. Introduzzjoni ta' iktar Attivitajiet tal-Biedja fl-Iskejjel

Il-Kunsill iħoss illi filwaqt illi l-Viżjoni 2050 jsemmi l-importanza tal-biedja, hemm bżonn illi nindirizzaw il-problema ta' nuqqas ta' ħaddiema fis-settur. Filwaqt illi hemm korsijiet l-MCAST, nħossu illi m'hemmx biżejjed li nippromwovu s-settur minn eta żgħira.

2. L-Agrituriżmu

Filwaqt illi t-turiżmu kien mniżżel bħala 'priority sector', ma kien hemm l-ebda referenza lejn l-agrituriżmu. Il-Kunsill iħoss illi dan is-settur huwa kruċjali biex inżommu livell għoli ta' turisti mingħajr pressjoni żejda fuq iż-żoni urbani, filwaqt li nippromovu u nħarsu l-wirt rurali u naturali Malti. Huwa mezz effettiv biex nagħtu valur lit-territorju tagħna u fl-istess ħin nippromwovu t-turiżmu sostenibbli li jibbenefika lill-komunitajiet lokali b'mod dirett.

3. Sistema tal-Metro

Il-Viżjoni 2050 isemmi li rridu nimxu lejn trasport 'eco-friendly' u li hemm bżonn ta' 'a national green road transportation system.' Fis-sena 2021 ġiet proposta sistema tal-Metro. Il-Kunsill jixtieq jerġa' jara diskussjonijiet dwar dan is-suġġett, b'possibilità ta' proċess ta' konsultazzjoni. Din is-sistema tista' tkun soluzzjoni fit-tul biex titnaqqas il-konġestjoni u jitnaqqsu l-emissjonijiet, imma konxji li din l-għażla m'hiex waħda faċli.

4. Integrazzjoni ta' Żgħażagħ minn Pajjiżi Terzi fil-Komunità

Biż-żieda kontinwa ta' popolazzjoni barranija f'Malta, hemm bżonn li niżguraw li ż-żgħażagħ ta' dawn il-komunitajiet ma jkunux emarġinati mill-bqija tas-soċjetà. Sfortunatament, il-Viżjoni 2050 tonqos milli tindirizza b'mod ċar din l-isfida li mistennija tikber fil-futur. Billi nippromwovu integrazzjoni soċjali, inkunu qed nikkontribwixxu biex titnaqqas it-tensjoni soċjali, ngħinuhom fis-suq tax-xogħol, u fl-istess ħin nassiguraw li l-lingwa u l-identità Maltija jkunu parti mill-esperjenza tagħhom ta' inklużjoni u mhux ta' esklużjoni.

5. Pjan Nazzjonali għal Promozzjoni tal-Isports

Il-Kunsill innota li l-Viżjoni jsemmi l-importanza tal-isport u l-iżvilupp tal-atleti. Madankollu, hemm bżonn li nagħtu iktar attenzjoni lill-bqija tal-popolazzjoni li ma tipparteċipax fl-isport kompetittiv, sabiex dawn ukoll jiġu mħeġġa jżommu stil ta' ħajja attiv. Dan jgħin biex innaqqsu l-problema tal-obeżità u l-isfidi tas-saħħa mentali, kif ukoll itaffi l-pressjoni fuq is-sistema tas-saħħa tagħna, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' mard kroniku bħad-dijabete u l-problemi tal-qalb. Barra minn hekk, hija wkoll opportunità biex nippromwovu l-ispazji ħodor u n-natura li għadna inkunu tant kburin bihom.

6. Digital Literacy

Il-Viżjoni 2050 tindirizza b'mod ċar it-trasformazzjoni diġitali bħala wieħed mill-erba' 'enablers' ewlenin tagħha, li jinkludi investiment f'infrastruttura diġitali avvanzata u l-użu ta' teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali u blockchain biex jittejjeb is-servizz pubbliku u l-governanza. Madanakollu, il-Kunsill josserva li hemm nuqqas importanti: l-ebda referenza diretta għal-litteriżmu diġitali, speċjalment fost il-popolazzjoni anzjana jew dawk b'livell ta' edukazzjoni baxx. Mingħajr ħiliet bażiċi fl-użu tat-teknoloġija, parti sinifikanti mis-soċjetà se tibqa' lura u ma tkunx tista' tibbenefika b'mod ugwali mit-trasformazzjoni diġitali li qed titħabbar. Il-promozzjoni ta' litteriżmu diġitali mhijiex biss kwistjoni ta' effiċjenza, iżda ta' inklużività, b'impatti diretti fuq l-aċċess għas-servizzi, l-impjiegi, u l-parteċipazzjoni ċivika.

7. Is-Servizzi tas-Saħħa

Il-Kunsill jixtieq jara proposti iktar konkreti ta' kif se jittejbu s-serviżżi tas-saħħa. Filwaqt li il-Viżjoni tirrikonoxxi l-bżonn ta' bilanċ bejn is-settur pubbliku u dak privat fil-qasam tas-saħħa, tonqos milli tipproponi miżuri operattivi konkreti fuq kif se titjieb il-kwalità u l-aċċessibilità tal-kura għall-pazjenti. Fuq dan il-bran, hemm bżonn ukoll li l-korsijiet tas-servizzi tas-saħħa, fosthom it-tobba, nurses, fiżjoterapisti, terapista okkupazzjonali ikollhom skola tal-mediċina attrezzata għall-bżonnijiet tagħhom. B'hekk, ninkuraġġu iktar żgħażagħ jidħlu f'dan is-settur, li huwa wieħed mill-għanjiet tal-Viżjoni.

8. Insaħħu l-lingwa Maltija bħala Parti Fundamentali mill-Identità Nazzjonali

F'dinja dejjem aktar immexxija mit-teknoloġija, hemm bżonn urġenti li naraw li l-lingwa tagħna ma tiġix emarġinata jew minsija, iżda salvagwardjata u adattata għall-użu diġitali kontemporanju. Għal dan l-għan, għandu jkun hemm impenn nazzjonali biex jiġu żviluppati u promossi għodod diġitali bil-Malti, bħal 'large language models', 'spellcheckers', 'grammar-checkers', sistemi ta' 'voice-to-text', u assistenti virtwali li jifhmu u jitkellmu bil-lingwa tagħna. Dawn l-għodod mhux biss isaħħu l-użu tal-Malti f'kuntesti edukattivi u professjonali, iżda wkoll jagħtu prestiġju u funzjonalità ġdida lill-lingwa. Barra minn hekk, għandhom jitwaqqfu fondi dedikati għar-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-qasam, inkluż b'kollaborazzjonijiet ma' universitajiet u istituzzjonijiet ta' teknoloġija sabiex jintlaħaq dan l-għan strategiku u identitarju.

9. L-Edukazzjoni Ċivika

L-edukazzjoni ċivika għandha tiġi integrata mill-ġdid bħala suġġett obbligatorju fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji b' enfasi fuq il-ħsieb kritiku u parteċipazzjoni pubblika. Il-Viżjoni titkellem dwar il-ħtieġa ta' 'future proof skilled workforce' iżda ma jindirizzax l-edukazzjoni ċivika. Anki l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni (2024 – 2030) ma tantx tagħti proposti konkreti f'dan ir-rigward. X'jista' jipprepara aħjar iż-żgħażagħ biex ikunu 'future proof' milli investiment fil-ħsieb kritiku u fl-edukazzjoni ċivika? Il-ħajja ta' soċjetà demokratika b'saħħitha tiddependi minn ċittadini infurmati u involuti. B'hekk il-Kunsill jappella għall-integrazzjoni tal-edukazzjoni ċivika fl-edukazzjoni, kemm formali kif ukoll infurmali.

10. Is-Sigurtà Marittima

Għalkemm il-Viżjoni tagħmel referenza għas-settur marittimu f'termini ekonomiċi u infrastrutturali, ma tagħmilx biżżejjed enfasi fuq il-miżuri ta' sigurtà li huma essenzjali għall-protezzjoni nazzjonali. Meta nikkunsidraw il-pożizzjoni ġeopolitika ta' Malta fil-Mediterran u r-riskji relatati mat-traffikar illegali u l-kuntrabandu, il-Kunsill jissuġġerixxi li jiġu inklużi proposti aktar konkreti f'dan il-qasam, anke jekk nifhmu li ċerti aspetti tas-sigurtà għandhom jinżammu sigrieti minħabba n-natura tagħhom.

11. L-Enerġija Rinnovabbli

Il-Viżjoni tirreferi għall-importanza li nduru għall-enerġija rinnovabbli, bl-għan ambizjuż illi sa 2030, 25% tal-enerġija tagħna tiġi ġenerata minn sorsi rinnovabbli. Fil-kuntest ta' pannelli solari, hemm bżonn illi dawn jiġu protetti b'qafas legali adegwat, billi jiġu integrati b'mod espliċitu fil-kunsiderazzjonijiet tal-liġijiet tal-ippjanar. Dan l-eżerċizzju legali jaċċerta illi l-investiment tal-gvern u tan-nies ma jisfax fix-xejn minħabba policies li nkitbu f'kuntest differenti. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' diversifikazzjoni tal-portafoll rinnovabbli sabiex nilħqu l-miri tal-UE u nipproteġu l-pajsaġġ naturali.

12. 'Specialised Housing Solutions'

Il-Viżjoni jiddikjara illi hemm bżonn li nsaħħu l- 'housing' permezz ta' soluzzjonijiet speċjalizzati għall-akkomodazzjoni li jindirizzaw il-bżonnijiet ta' gruppi vulnerabbli. Il-Kunsill esprima diversi drabi illi ż-żgħażagħ għahdhom jitqiesu bħala grupp vulnerabbli f'dan il-kuntest, minħabba d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom biex jixtru jew jikru proprjetà bi prezzijiet affordabbli għax il-kundizzjonijiet tas-suq ma jirriflettux il-kapaċità ekonomika tagħhom.

Youth Proofing

Din l-inizjattiva hi marbuta direttament mal- '4th National Action Plan taħt the Open Government Partnership (OGP). Il-'Youth Proofing' hija waħda mill-erba' impenji ewlenin f'dan il-pjan, u kienet inkluża biex tinkoraġġixxi aktar trasparenza, inklużività u parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Fl-Ewropa, qed jaħdmu biex tiġi integrata l-perspettiva taż-żgħażagħ fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-kunċett ta' 'youth proofing' jfisser li kull politika jew leġiżlazzjoni tiġi evalwata sabiex jiġi identifikat l-impatt tagħha fuq iż-żgħażagħ, qabel ma tiġi approvata. Dan il-proċess jgħin biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet u l-opinjonijiet taż-żgħażagħ jiġu kkunsidrati mill-ewwel stadji tal-iżvilupp ta' politika.

Il-Kumitat tal- 'Youth Proofing' ippreżenta proposta komprensiva biex jiġi stabbilit mekkaniżmu li jiżgura li l-vuċi taż-żgħażagħ tkun parti minn kull pass leġislattiv. Il-working group huwa magħmul minn Aġenzija Żgħażagħ, KNŻ, Avukati tal-Istat, Assoċjazzjonijiet ta' Ħaddiema maż-Żgħażagħ u Arċidjoċesi ta' Malta. Ħarisna lejn 'Qafas ta' valutazzjoni tal-impatt għal-leġiżlazzjoni primarja' u rajna li hemm bżonn ikun hemm sezzjoni tappartjeni għaż-żgħażagħ. Idealment tiżdied mas-sezzjoni fejn hemm l-impatt fuq is-saħħa, l-edukazzjoni, u l-poter ta' xiri. Dan huwa pass importanti biex l-impatt fuq iż-żgħażagħ ma jibqax sekondarju, imma jsir parti essenzjali fid-deċiżjonijiet. Il-Kumitat se jirċievi dokumenti mill-Portal tal-Konsultazzjoni tal-Gvern u jevalwahom għall-impatt fuq iż-żgħażagħ. Ir-rakkomandazzjonijiet u rapporti jiġu kkomunikati lura lill-awtoritajiet rilevanti fi 30 jum.

Il-Kunsill jixtieq li tinfetaħ diskussjoni illi dan il-mekkaniżmu jiġi integrat fil-proċess legislattiv f'Malta għal repreżanza aħjar taż-żgħażagħ ġewwa xtutna. sabiex noffru opportunità biex niżguraw li l-politika f'Malta ma tkunx 'għaż-żgħażagħ mingħajr iż-żgħażagħ'.

Cherise Sultana

L-Uffiċjal tal-Avvokatura



L-Uffiċjal tal-Avvokatura għandu r-responsabbiltà li jsaħħaħ il-vuċi taż-żgħażagħ fuq livell nazzjonali u internazzjonali, billi jsegwi l-iżviluppi fil-politika pubblika, jidentifika sfidi li jolqtu liż-żgħażagħ, u jfassal pożizzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet f'isem il-Kunsill. F'dan it-terminu, l-Uffiċjal tal-Avvokatura se jiffoka fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja ċivika, l-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel u l-irwol tal-letteratura fil-ħajja taż-żgħażagħ.

Il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ fil-Ħajja Ċivika

Din il-kampanja għandha l-għan li tħeġġeġ iż-żgħażagħ jivvutaw b'mod infurmat u responsabbli, speċjalment in vista tal-vot sittax. Il-vot huwa wieħed mill-aktar għodod b'saħħithom fi ħdan demokrazija, u KNŻ għandu r-responsabbiltà li jiżgura li ż-żgħażagħ mhux biss jużaw id-dritt tagħhom għall-vot iżda wkoll jagħrfu l-importanza tiegħu. Din il-kampanja se tinkludi ċertu stħarriġ fuq il-midja soċjali, lekċers edukattivi fi skejjel sekondarji u kollaborazzjoniji ma' politiċi li huma żgħażagħ u biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ. L-għan huwa li nsaħħu l-għarfien taż-żgħażagħ dwar is-sistema elettorali, u fl-istess ħin ninkoraġġuhom biex ikunu ċittadini attivi u responsabbli.

L-Agrikoltura u s-Sigurtà tal-Ikel

Din il-kampanja se tiffoka fuq il-kriżi agrikola f'Malta u l-importanza tas-sigurtà tal-ikel. Permezz ta' attivitajiet interattivi u kollaborazzjonijiet ma' bdiewa, NGOs ambjentali, u edukaturi, din l-inizjattiva għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar il-vulnerabbiltà tal-ikel lokali u tippromwovi is-sostenibbiltà fost iż-żgħażagħ. L-attivitajiet se jinkludu esperjenzi fejn iż-żgħażagħ jagħmlu ġurnata ma' bdiewa, kampanja fuq il-midja soċjali dwar kif tkabbar l-ikel tiegħek u enfasi fuq l-importanza li nixtru prodotti lokali.

L-Irwol tal-Letteratura fil-Ħajja taż-Żgħażagħ

Din l-inizjattiva għandha l-għan li turi kif il-letteratura tista' tkun għodda b'saħħitha għall-bidla soċjali u politika. Permezz ta' diskussjonijiet ma awturi, u kollaborazzjonijiet ma' skejjel u organizzazzjonijiet kulturali, din il-kampanja tixtieq li tħeġġeġ diskussjonijiet dwar temi bħad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz tal-letteratura. Se nagħtu attenzjoni speċjali lill-letteratura Maltija biex nippromwovu l-lingwa nazzjonali tagħna. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan huwa li nispiraw żgħażagħ biex jużaw il-letteratura bħala mezz ta' riflessjoni u azzjoni, filwaqt li nippromwovu l-integrazzjoni ta' din il-letteratura fil-kurrikulu edukattiv lokali.

Elisa Micallef Peplow

L-Uffiċjal Nazzjonali



Parti mix-xogħol tal-Uffiċjali Nazzjonali jinvolvi li l-KNŻ iżomm ruħu aġġornat ma' kwistjonijiet nazzjonali u jagħti risposta fejn hu xieraq, sabiex dejjem jippreżenta l-perspettiva taż-żgħażagħ. Imma barra minn hekk, l-Uffiċjal tan-Nazzjonal qed jippjana dawn l-avvenimenti:

Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2025
Minħabba l-presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Ewropa bejn Mejju u Novembru 2025, l-edizzjoni tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ (NYP) għas-sena 2025 ħa tkun marbuta ma' temi important tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-mira tal-NYP, bħal kull sena, hi li l-parteċipanti jitgħallmu iktar dwar temi importanti fil-ħajja ċivika, u jitgħallmu ħiliet bħat-taħdit fil-pubbliku, il-kitba tar-resoluzzjonijiet politiċi, ħiliet ta' dibattitu, u ħiliet ta' organizzazzjoni u riċerka. It-temi li se jkunu trattati huma ir-rapreżentazzjoni taż-żgħażagħ fl-istituzzjonijiet politiċi u ir-regolamentazzjoni tal-AI fl-edukazzjoni.

Kampanja Marbuta mat-Trasport
Waħda mill-prijoritajiet nazzjonali tal-KNŻ din is-sena hi marbuta mat-trasport. It-trasport pubbliku jaffettwa l-kwalita tal-ħajja ta' kulħadd li jgħix Malta, imma speċjalment lill-żgħażagħ, li jiddependu iktar fuq it-trasport pubbliku. Għalhekk, il-KNŻ qed isegwi viċin il-proposti tat-trasport li saru f'dawn l-aħħar xhur, u qiegħed jibni kampanja li tikxef 1. L-importanza ta' trasport pubbliku effiċjenti għal kwalita tal-ħajja 2. Is-sitwazzjoni tat-trasport pubbliku f'Malta bħalissa u 3. Jirrispondi lill-proposti eżistenti bħalissa, u jibni fuq dawn il-proposti u jagħti perspettiva żgħażugħa.

'Workshop' maż-żgħażagħ ta' bejn it-13 u s-16 -il sena dwar l-irwol tal-Kunsilli Lokali

Flimkien mad-delegata Maltija għall-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'Malta, il-KNŻ ħa jkun qed jorganizza 'workshop' bl-għan li jgħallem liż-żgħażagħ bejn l-etajiet ta' 13 u 16 dwar x'inhu l-irwol tal-Kunsilli Lokali f'Malta, u jintroduċihom b'ċertu xogħol li jagħmlu l-Kunsilliera. L-idea wara dan il-'workshop' ħareġ mill-fatt li, waqt li żgħażagħ ta' 16 il sena f'Malta jistgħu jilħqu sindki u viċi-sindki, dawn mhux dejjem ikunu jafu għal xiex deħlin. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-'workshop' jista' jiffaċilita dan it-tagħlim, sabiex huma jidħlu f'dan l-irwol b'iktar tagħrif dwar irwolhom. 'Workshop' bħal dan hu importanti wkoll għal żgħażagħ li ma jixtiequx jidħlu fil-Kunsilli Lokali, imma jixtiequ jitgħallmu iktar dwar il-ħajja ċivika u x-xogħol li jagħmlu l-Kunsilli Lokali fl-irħula u fl-ibliet Maltin.

Francesca Giudice

L-Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali



Faċilitazzjoni ta' Opportunitajiet ta' Parteċipazzjoni għaż-Żgħażagħ
Bħala l-Uffiċjal Internazzjonali fi ħdan il-Kunsill, l-irwol tiegħi jinvolvi l-konnessjoni taż-żgħażagħ Maltin ma 'opportunitajiet internazzjonali li jistgħu jwessgħu l-orizzonti tagħhom, itejbu l-ħiliet tagħhom, u jagħtuhom is-setgħa li jsiru ċittadini globali aktar attivi. Għalhekk, naħdem biex nidentifika, nippromwovi, u niffaċilita l-aċċess għaż-żgħażagħ Maltin għal firxa wiesgħa ta' esperjenzi bħal internships, korsijiet ta 'taħriġ, u programmi ta' volontarjat offruti minn istituzzjonijiet internazzjonali u pjattaformi taż-żgħażagħ, b 'mod partikolari fl-Ewropa.

Barra minn hekk nixtieq neduka liż-żgħażagħ Maltin fuq aspetti internazzjonali fosthom dak li twettaq Malta fuq livell internazzjonali, kif ukoll, kriżijiet li huma għaddejjin bħalissa u li jaffetwaw liż-żgħażagħ.

Ir-Rappreżentanza tal-Kunsill barra minn Xtutna
Il-KNŻ jagħtini l-opportunita' li nirrappreżenta liż-żgħażagħ Maltin fuq livell internazzjonali meta nipparteċipa f'konferenzi internazzjonali fosthom il-EU Youth Dialogue u COP. Il-KNŻ hija attiva ħafna fuq skala internazzjonali peress li hija membru tal-European Youth Forum (YFJ), li jirrappreżenta d-drittijiet u l-vuċijiet ta 'aktar minn 25 miljun żagħżugħ Ewropej. L-organizzazzjonijiet membri tal-YFJ jikkonsistu f' kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ mill-Ewropa kollha, u NGOs internazzjonali.

Barra minn hekk, il-KNŻ hija rikonoxxuta wkoll bħala d-delegat uffiċjali ta ’Malta għall-Commonwealth Youth Council li hija l-vuċi rappreżentattiva uffiċjali ta’ aktar minn 1.2 biljun żagħżugħ fil-Commonwealth. Il-KNŻ jagħmel parti wkoll mil-EU Youth Stakeholders Group li jlaqqa’ flimkien kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ minn pajjiżi tal-istati membri tal-UE, bħala parti mil-istrateġija tal-UE tas-snin 2019-2027 fuq iż-żgħażagħ.

Għalhekk, permezz ta’ din il-ħidma, nixtieq nistinka ħalli ngħin fl-iżvilupp ta’ ġenerazzjoni ta żgħażagħ Maltin li mhux biss huma konxji ta ’kwistjonijiet globali iżda huma wkoll motivati biex jipparteċipaw fit-tiswir ta’ dinja aħjar.

Sarah Xuereb

L-Uffiċjal tal-Kommunità għaż-Żgħażagħ



Il-pożizzjoni ta' Uffiċjal tal-Komunità għaż-Żgħażagħ ġġib magħha r-responsabbiltà li jiġu rrappreżentati ż-żgħażagħ kollha fid-diversità tagħhom. Matul il-mandat, l-għan ewlieni se jkun li jiġu indirizzati l-oqsma tal-litteriżmu diġitali u l-intelliġenza artifiċjali (AI), il-Pride u l-isfidi li taffaċċja l-komunità LGBTQI+, flimkien mal-identità kulturali u l-integrazzjoni.

Il-Litteriżmu Diġitali u l-Użu tal-AI

Il-litteriżmu diġitali u l-użu responsabbli tal-AI saru suġġetti ta' diskussjoni estensiva, b'mod partikolari fid-dawl tal-inizjattivi reċenti mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti. Il-Kunsill jemmen illi edukazzjoni soda dwar dawn l-oqsma tgħin sabiex tiżdied il-kapaċità taċ-ċittadini li jagħrfu informazzjoni falza jew qarrieqa li tixtered permezz tal-midja soċjali. Din l-edukazzjoni għandha wkoll tħeġġeġ lil kull individwu jikkonsma l-midja b'mod. Dan l-għan jista' jintlaħħaq permezz ta' appoġġ fuq proġetti eżistenti tal-UE, kollaborazzjoni ma' esperti, kif ukoll bl-użu ta' pjattaformi bħal seminars, kampanji, u għodod gamifikati.

Il-Komunità LGBTIQ+

Il-Kunsill jagħraf il-bżonn illi jiġi msaħħaħ l-impenn lejn il-komunità LGBTIQ+, permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti sinifikanti relatati mal-Pride li joffru spazju awtentiku għall-vuċijiet tagħhom, u mhux simboliċi biss. Dan jinkludi wkoll inizjattivi kontra d-diskriminazzjoni, permezz ta' sħubiji ma' NGOs u promozzjoni ta' stejjer veri permezz tal-midja. Minkejja li Malta hija meqjusa bħala pijuniera fil-qasam tal-LGBTQI+, għad hemm każijiet persistenti ta' diskriminazzjoni. Għalhekk, Il-Kunsil jixtieq jinvesti f' kampanja komprensiva fuq il-midja soċjali sabiex nqarrbu din il-komunità f'għajnejn il-pubbliku.

L-Identità Kulturali u l-Integrazzjoni

Fl-aħħar nett, iċ-ċelebrazzjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni kulturali jibqgħu essenzjali f'pajjiż b'wirt multikulturali għani bħalma hu Malta. L-għan hu li jiżdied l-għarfien fost il-popolazzjoni kollha dwar il-kulturi differenti u sbieħ preżenti fil-gżejjer Maltin, filwaqt li tiġi promossa wkoll il-kultura Maltija. Dan jista' jsir permezz ta' kollaborazzjoni mal-ambaxxati u l-mexxejja tal-komunitajiet biex jinħolqu avvenimenti kulturali li jkunu inklussivi u sinifikanti.

Francesco Gellel